**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 804/97 AJM

Kawza numru

Alfio Tabone

Vs

Freeport Terminal (Malta) Plc.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-10 ta' April 1997li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala electrical technician fit-Terminal tal-Freeport, Port ta' Marsaxlokk, Kalafrana BBG07; illi fit-22 ta'Lulju 1995 waqt li kien qieghed jezegwixxi tiswijiet fuq ingenju fl-istess land tax-xoghol, korra gravament u sofra dizabilita' permanenti billi tilef parti minn zewgt iswaba ta' idu l-leminija; illi dana l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza u traskuragini da parti tas-socjeta' konvenuta; illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli; illi minkejja illi s-socjeta'

konvenuta giet interpellata bosta drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, anke permezz ta' ittra ufficjali, hija baqghet dejjem inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u konsegwentement responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-istess incident;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dana l-incident, jekk mehtieg bl-assistenza ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 1996, tal-ittri bonarji tas-26 ta' Settembru 1995, 9 ta' Novembru 1995, 4 ta' Gunju 1996, 21 ta' Gunju 1996, 13 ta' Novembru 1996, 28 ta' Novembru 1996, 17 ta' Dicembru 1996, 26 ta' Jannar 1997, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fl-20 ta' April 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi, fl-ewwel lok, mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sakemm din giet notifikata, l-isem tal-kumpanija eccipjenti gie mibdul ghal Freeport Terminal (Malta) Plc.
2. Illi fil-mertu l-kumpanija eccipjenti m'hijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u konsegwentement m'ghandhiex tigi kundannata thallas ebda danni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' April 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Gunju 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur huwa *electrical/electronic technician* bil-Higher Technical Diploma li hija l-ghola kwalifika li wiehed jista' jottjeni f'dik is-sengha. Bhala tali kien gie impjegat mis-socjeta' konvenuta fl-1993 sabiex jaghmel parti minn *breakdown crew* konsistenti fi skwadra ta' technicians li tahdem b'*shift basis* ghat-tiswijja ta' hsarat ta' natura mekkanika jew elettrika fl-ingenji tas-socjeta' konvenuta uzati fil-Freeport Terminal. Dawn il-*crews* jahdmu fuq bazi ta' erbgha u ghoxrin siegha bl-iskop li kemm jista' jkun x-xoghol principali tal-Freeport u cioe l-irfieh u ic-caqliq ta' containers ma jinzammx lura.

Fit-22 ta' Lulju 1995 ghal habta ta' xi disgha ta' bil-lejl, l-attur gie ordnat minn Ivan Curmi, *engineering manager* tas-socjeta' konvenuta, sabiex jahdem fuq il-"wheel turning mechanism" ta' Rubber Tyred Gantry, li

kien ilu jaghtihom problemi, billi dak inhar ma tantx kien hemm xoghol pressanti tal-port u dan il-crane seta ghalhekk isir ix-xoghol mehtieg fuqu.

L-attur ghal bidu irrifjuta li jaghmel x-xoghol lilu mitlub fid-dlam u issugerixxa li jistennew sa l-ghada filghodu izda fuq insistenza ta’ l-istess Curmi huwa mar ma technician iehor certu Rib Van Cohen u mekkanik Joseph Persiano. L-iskop tax-xoghol kien biex jispezzjonaw l-hekk imsejha “*limit switches”* li jifformaw parti mil-mekkanizmu tar-roti tal-crane billi dawn, ghal xi raguni jew ohra ma kienux qedin jiffunzjonaw tajjeb b'mod li l-crane ma kienx qed jdur sewwa. Ghalhekk Persiano tela’ fil-gabina tal-crane u startja l-magna u filwaqt li l-attur u Van Cohen baqghu isfel, b’Van Cohen b’kuntatt bir-radio ma’ Persiano, il-crane ittiehed f’sezzjoni fejn hemm pjanci tal-metal biex ir-roti jkunu jistghu jduru b’aktar facilita’.

L-attur kompla hekk: “Joseph Persiano, li kien fl-operator’s cabin (u dan peress li ma kienx hemm operator regolari nkarigat biex jassistini), sab diffikulta’ sabiex idawwar ir-roti. Fil-fatt, ir-roti ma bdewx jirrispondu ghall-kmand li beda jaghtihom. Rick Van Cohen ghalhekk mar fl-electrical house sabiex jistabilixxi jekk Persiano kienx qieghed isegwi l-procedura mehtiega sabiex idawwar ir-roti. Dawwarna ir-roti sabiex nassimilaw il-*fault* u fil-fatt sibna li rota minnhom (BSS) ma kenitx qed iddur kompletament. Jiena, ghalhekk kont qieghed wahdi fejn ir-rota li ma kienetx qeghdha ddur. Indunajt li s-switch ta’ dik ir-rota partikolari kien diga’ attivat u kien minhabba f’hekk li r-rota ma setghetx iddur kif mehtieg sal posizzjoni taghha. Jiena qlajt is-switch minn postu u haddimtu peress li kien iggamjat. Din kienet problema kronika komuni ghall-RTG’s kollha. Sabiex naghmel dan kelli ta’ bilfors nitla’ fuq

il-mudguard tar-rota peress li l-pozizzjoni tas-switch hija mpossibbli li tilhaqha mill-art. Apparti minn hekk, trid tahdem bilfors mill-qrib hafna peress li s-switch huwa sensittiv u ghalhekk irid jigi osservat mill-vicin. Biex nivverifika li s-switch kien qieghed jahdem kelli nibqa' fuq il-mudguard sabiex nisimghu ifaqqa' meta jidhol fil-posizzjoni tieghu. Qabel dan konna rrangajna r-roti ghal 0 degress sabiex nergghu nibdew il-procedura mill-gdid. Persiano rega' beda jdawwar ir-roti ghal 90 degrees sabiex naraw is-switch kienx finzjonanti. X'hin ir-rota giet fil-posizzjoni fejn qabel kienet qeghda tehel tat skoss qawwi u tilfitli l-bilanc. Kont ser naqa' u mort inzomm sabiex inkompli nsewwi s-switch. Sfortunatament zammejt ma' l-istopper li thabbat r-rota u qabadli erbat iswaba minn idi l-leminija."

L-attur kien l-unika persuna presenti waqt l-incident u ghalhekk id-deskrizzjoni tieghu ta' dak li gara ma giet bl-ebda mod kontestata jew kontradetta minn persuni ohra. Mix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta jirrizulta li l-attur huwa bniedem kompetenti u tajjeb ghax-xoghol li kien gie inkarigat jaghmel. Infatti jirrizulta ukoll li din ma kienetx l-ewwel darba li sar xoghol simili cioe fuq il-"*limit switched*" tal-RTGs. Wiehed ghalhekk ghandu jassumi li l-attur kien qed jaghmel xogholu b'dik l-attenzjoni u prudenza mehtiega fic-cirkostanzi u ghalhekk l-attur ma jistax "prima facie" jig akkollat b'xi negligenza li waslet sabiex huwa korra.

X'kienet ghalhekk ir-raguni ilghala korra l-attur?  Mill-provi prodotti jidher li l-apparat in kwistjoni kien attrezzat bil-guards li kienu gew istallati mill-manifattur u li ma sarulu ebda tibdiliet mis-socjeta' konvenuta li setghu ipperikolaw l-haddiema waqt ix-xoghol. Naturalment hawn wiehed ghandu jassumi li dawn il-guards kienu adegwati billi ma

ingiebet ebda prova kontrarja. Biss din il-Qorti hadet l-impressjoni li meta saret referenza ghall-'guards' dawn kienu aktar intizi sabiex il-makkinarju tar-rota ma jkunx espost ghax-xita u ghat-trabijiet. Infatti ma jirrizultax li fejn l-attur tilef subajh u cioe mal-istopper li jwaqqaf il-moviment tar-rota, kien hemm xi "guards". Tant hu hekk li meta l-attur ipprova jzomm biex ma jitlifx il-bilanc immedjatament sab dik il-parti tal-istopper fejn serrah idejh u eventwalment inqabdulu subajh bil-parti li kienet qed iddur.

Issa jidher car li l-attur ma zammax mal-parti fejn eventwalment korra minhabba xi nuqqas tieghu originali. Wiehed ghandu jassumi li persuna bl-esperjenza ta'l-attur kien konxju tal-moviment fl-apparat tar-rota u li seta' kien hemm perikolu. Izda l-attur inhassad mal-moviment qawwi li ghamlet ir-rota waqt li qed iddur u kien ghalhekk li huwa hareg idu biex jzomm il-bilanc u fil-process qabad l-ewwel haga li giet ghal idejh. Kien ghalhekk dan il-moviment inaspettata (jerk) li kkawza l-incident. L-istess injury report li sar minn Ivan Curmi indirizzat lil Legal & Insurance Consultant, jghid hekk "Alfio lost slightly his balance and he grasped without looking with his right had to steady himself while he was still watching the limit switch. Unfortunately, he had caught on a wheel stopper that was just going to hit another stopper which it did a few seconds after."

L-istess rapport ta' Ivan Curmi jghid li r-raguni ta' dan il-muviment inaspetta fir-rota "is that this is the last wheel to complete the motion and therefore more hydraulic oil is available after the rest of the wheels have finished the move." Mill-provi prodotti ma jirrizultax li r-rota li kien qed jahdem fuqha l-attur kienet l-ahhar wahda li ghamlet l-manuvra ta' tidwir u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-istess Ivan Curmi seta'

wasal ghal din il-konkluzzjoni. Izda fil-fehma ta' Qorti kien nuqqas tas-socjeta' konvenuta li, ghalkemm kienet konxja ta' dawn il-movimenti inaspettati fir-roti qatt ma kienet avzat lill-impjegati taghha bil-perikolu li tali moviment seta' ippresenta. Mhux kontestat li l-attur kellu jitla' fuq il-guard tar-rota biex jisma l-limit switches jahdmu u f'din il-posizzjoni kien jkun espost ghal perikolu tal-movimenti naspettati tar-rota. Kien ghalhekk jinkombi lis-socjeta' konvenuta li tallarma lill-impjegati taghha ghal din l-eventwalita'. Ghalhekk din il-Qorti ssib nuqqas fis-socjeta' konvenuta qua employer tal-attur.

Ikkunsidrat:-

Dan stabbilit din il-Qorti sejra tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' dan l-incident li skond certifikat ex parte rilaxxat minn Mr Carmel Sciberras, specjalista ta' ortopedija, wassal ghal dizabilita' permanenti fi grad ta' tmienja fil-mija (8%). F'dan ic-certifikat jinghad hekk: "Alfio Tabone sustained a terminal amputation of the dominant R. middle and ring finger on the 22/7/95." Tali amputazzjoni ta' l-id dominanti ta' l-attur certament ghandha konsegwenzi serji ghal persuna teknika li trid ta' bilfors l-uzu tas-swaba kollha fil-qadi ta' dmirijietha waqt xoghol fuq apparat mekkaniku, elletriku u elettroniku soffistikat. B'dana kollu l-attur ma tilifx l-impieg tieghu u ghadu sal lum jahdem mas-socjeta' konvenuta.

L-attur ghamel zmien ma jitholx ghax-xoghol wara l-incident u ghalhekk, ghalkemm jidher li huwa thallas l-paga tieghu f'dan il-perjodu, xorta wahda tilef l-hekk imsejha *overtime u shift allowances.* Dawn skond ma xhed l-attur kienu jammontaw ghal cirka LM1,500. Naturalment wiehed ma jistax jkun ezatt fil-komputazzjoni ta' telf ta' din n-natura billi,

partikolarment fil-kaz ta' *overtime* dan jiddipendi mill-htigijiet tax-xoghol. Wiehed ghalhekk irid, kif ghamel l-attur, jirriferi ghall-introjtu ta' persuna ohra fl-istess impieg fl-istess grad. Hekk sa mill-attur u ghalhekk l-ammont reklamat taht dan il-kap jidher gustifikat.

L-attur qed jitlob ukoll risarciment tas-somma ta' LM400 li huwa tilef minhabba li bhala rizultat tal-incident ma setghax jippartecipa, kif kien jaghmel qabel, fit-tournament tal-Water Polo ghal-istagun relevanti. Din il-partita ma gietx kkontestata u ghalhekk il-Qorti ma tarax il-ghala ma ghandhiex tigi accettata. Huwa risaput li hafna mill-players tal-waterpolo jircevu kumpens ghall-partecipazzjoni taghhom fil-league u ghalhekk mhux haga inaspettata li l-attur kien ukoll jircevi l-kumpens imsemmi minnu.

Oltre t-telf immedjat li sofra l-attur id-disabilita' permanenti kkawzata mill-griehi li sofra tintitolah ghall kumpens maghruf bhala *lucrum cessans* ossia dak it-telf futur li tali disabilita' tista' igieblu. Kif gja rajna l-espert mediku wasal ghal grad ta' disabilita' ta' tmienja fil-mija. Dan ic-certifikat ma giex kkontestat u lanqas ma intalbet perizja medika fir-rigward mis-socjeta' konvenuta. Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkunsidra l-aspett tad-danni futuri a bazi ta' din id-disabilita'.

Skond ma jirrizulta mill-affidavit ta' l-attur fid-data tal-incident dana kellu disa u ghoxrin sena (29) u ghalhekk huwa xieraq li l-kumpens ghall-telf futur jigi komputat fuq perjodu ta' ghoxrin sena skond gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna. Huwa dak iz-zmien kien gja kkwalfikat fis-sengha tieghu billi kien ottjena l-ghola diploma maghrufa bhala *Higher Technician Diploma.* Bhala introitu jidher li l-attur ghandu medja ta' tlett mija u erbghin lira (LM340) kull gimghatejn skond ma

jidher mill-pay report rilaxxat mis-socjeta' konvenuta. Tenut kont ta' dana kollu u fuq principji adottati minn dawn il-qrati fuq firxa ta' snin wara li titnaqqas percentwali minhabba l-fatt li l-kumpens ser jigi mhallas f'lump sum, jigi li l-attur ghandu dritt ghas-somma ta' ghaxar telef u sitt mitt lira maltin (LM10,600) bhala lucrum cessans.

B'kollox ghalhekk jigi li l-attur huwa intitolat ghas-somma komplessiva ta' tnax'l elf u hamest mitt lira maltin (LM12,500).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi filwaqt li tiddikjara li l-incident industrijali tat-22 ta' Lulju 1995 gewwa t-terminal tal-Freeport meta korra l-attur gara minhabba nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta li hija ghalhekk responsabbli ghad-danni subiti mill-attur, tillikwida l-istess danni fis-somma ta' tnax'l elf u hames mitt lira maltin (LM12,500) u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-imghax legali millum.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.